MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 812/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Kenneth Spiteri**
**Darren Paul sive Darren Degabriele**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Kenneth Spiteri ta' 20 sena, bin Wilfred u Georgina nee' Agius, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Marzu 1986 u residenti Artemis, Triq is-Salib, Hal-Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' numru 144186(M) u l-imputat Darren Paul sive Darren Degabriele ta' 27 sena, bin Carmelo u Josephine nee' Agius, imwieled Pieta' nhar l-24 ta' Mejju 1979 u residenti f' 105, Dawret il-Qalb Mqadsa, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' numru 280079(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fiz-Zejtun, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it-tmienja ta' filghaxija (8:00pm) ta' l-20 ta' Dicembru 2005 u it-tmienja ta' filghodu (8:00am) tal-21 ta' Dicembru 2005, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' zewg tankijiet tal-plastic, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-hin, sar ghad-detriment ta' Carmelo Desira minn Hal-Ghaxaq;

Fl-istess perjodu ta' hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' oggetti konnessi mal-vitikultura, liema hsara, li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Carmelo Desira minn Hal-Ghaxaq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Mejju 2007 (esebit a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2007 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-21 ta' Dicembru 2005 certu Carmelo Desira minn Hal-Ghaxaq ghamel rapport lil Pulizija li fil-lejl ta' qabel kienu nsterqu zewg tankijiet li jintuzaw ghall-vitikultura mill-ghalqa propjeta tieghu li tinsab fil-limiti tal-Barrani, iz-Zejtun u li kienet saret ukoll xi hsara fl-imsemmija ghelieqi minn min acceda fihom sabiex ha t-tankijiet. Aktar tard fil-gurnata tal-21 ta' Dicembru 2005 il-Pulizija rceviet rapport

li t-tankijiet irrapurtati misruqa kienu qeghdin f'garaxx fi Triq Dun Marcel Mallia, Hal-Ghaxaq. Meta l-Pulizija marru fl-imsemmi fond li kien propjeta' tan-nannu ta' wiehed mill-imputati fil-kawza odjerna, Darren Degabriele, effettivament instabu l-imsemmija tankijiet li gew ukoll identifikati minn sidhom Carmelo Desira bhala dawk li kienu nsterqulu. Iz-zewg imputati meta gew interrogati mill-Pulizija[1] ammettew mal-ewwel li kienu huma li hadu l-imsemmija tankijiet izda qalu li huma kienu ghamlu dan bhala cajta lit-tifel ta' Carmelo Desira li kien habib taghhom. Huma ammettew ukoll li kienu accidentalment laqtu xi dwieli bil-vettura taghhom meta dahlu fl-ghalqa.

Il-parti leza Carmelo Desira meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Novembru 2007 wara li kkonferma li kien ghamel ir-rapport dwar is-serq taz-zewg tankijiet u dwar il-hsara kkagunata spjega li l-valur tat-tankijiet kien ta' bejn Lm250 u Lm300 il-wiehed. Huwa qal ukoll li l-hsara fl-ghalqa kienet tikkonsisti f'xi dwieli mqaccta u spjega li din il-hsara giet imsewwija mill-persuni li ghamlulu l-hsara. Huwa qal li t-tankijiet gew ritornati lilu mill-Pulizija u spjega li meta nstabu t-tankijiet l-imputati li kienu hbieb tat-tifel tieghu spjegawlu li huma kienu hadu t-tankijiet sabiex jaghmlu cajta lil ibnu u qalulu wkoll li ma kienux jafu li dawn kienu tieghu u mhux tat-tifel. Huwa qal ukoll li kien hafer lill-imputati ghal dak li gara u spjega li huma ghadhom hbieb tat-tfal tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz il-kwistjoni kollha hija jekk it-tehid tat-tankijiet mill-imputati bhala cajta jammontax ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur kontemplat fl-Artikoli 261 u 267 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li una volta li mill-provi rrizulta li l-imputati dahlu fil-propjeta' tal-parti leza minghajr il-kunsens tieghu u minghajr ma kellhom ebda jedd li jidhlu fl-imsemmija propjeta' u hadu z-zewg tankijiet in dizamina minghajr il-kunsens la ta sid l-istess tankijiet u l-anqas ta ibnu, u cioe' il-persuna li huma qalu li riedu jaghmlulu c-cajta,  l-agir tal-imputati ghandu jitqies li

[1] Ara stqrrijiet inseriti a fol. 19 sa 23 tal-atti processwali.

jammonta ghar-reat ta’ serq u huma sejrin ghalhekk jinstabu hatja tas-serq aggravat bil-vaur stante li mil-provi rrizulta li l-valur tat-tankijiet kien madwar Lm250 il-wiehed.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni z-zewg imputati jinsabu wkoll akkuzati li kkagunaw hsara volontarja fil-propjeta’ ta’ Carmelo Desira. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta li din il-hsara giet kagunata involontarjament miz-zewg imputati meta huma laqtu xi dwieli bil-vettura taghhom. In vista tal-fatt li ma ngabet ebda stima dwar il-valur tal-hsarat u l-anqas ma inghatat ebda indikazzjoni tal-entita’ tal-istess hsarat kif ukoll minhabba l-fatt li l-parti leza hafer lill-imputati ghal dak li gara u fil-fatt irrizulta wkoll li huma sewwew il-hsarat minhom kagunati, l-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda din l-akkuza u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li z-zewg imputati ghandhom fedina penali netta kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura immedjatament u ghalhekk jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfronti taz-zewg imputati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib liz-zewg imputati hatja tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tiliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien tnax(12)-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) imputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------